# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 190/2021**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Bernardette VELLA**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Ġunju 2021 fil-konfront ta' Bernardette VELLA (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 559391M) li ġiet mixlija talli nhar it-30 ta' Mejju 2020 għall-ħabta tal-17.00 hours ġewwa Triq Ir-Ramel, San Pawl Il-Baħar, bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha egħlet bl-awtorita' tagħha nnifisha lil Naveed Muhammad iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklet lill-istess Naveed Muhammad fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħattet bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħlet fi ħwejġu.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellanta

VELLA ħatja tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannata għall-ħlas ta' multa ta' Ewro 400 filwaqt li ai termini tal-Artikolu 85(2) tal-Kodiċi Kriminali ordnat lill-imputata appellanta sabiex tirritorna l-oġġetti elenkati f'Dokument NM1 fi żmien jumejn mid-data tas-sentenza u f'każ li dan ma jseħħx hija teħel ammenda ta' għaxar Ewro għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellanta VELLA appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar is-sentenza appellata fejn sabet ħtija għall-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u konsegwentement sabiex tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

i) Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat li l-livell ta' prova fil-kamp penali għandu jkun mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha. Illi l-kwerelant qatt fix-xhieda tiegħu ma qal illi l-esponenti (Bernardette Vella) ħadet id-dokumenti personali tiegħu iżda din hija bis assunzjoni bbażata fuq il-fatt illi l-partijiet kienu jgħixu flimkien u li minħabba l-fatt li meta kienu joħorġu kien jatieha l-wallet biex iżżommhulu mela allura jassumi li d-dokumenti qiegħdin għandha. Infatti fuq mistoqsija tad-difiża l-kwerelant jgħid li ma rahiex toħodlu l-wallet iżda li l-wallet qiegħed 'No, because my wallet is in her purse because twenty four hour we are together in one bedroomm, in one room. Every time we go out and come inside together.'

ii) Il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib il-provi kemm favur u kemm kontra l-appellanta u l-unika prova tal-Prosekuzzjoni kienet ibbażata fuq il-kwerela tal-kwerelant. Lanqas ma għamlet cross checking il-Pulizija ma sħab il-kwerelant stess.

iii) Il-Qorti tal-Maġistrati stqarret li l-verżjoni tal-kwerelant għandha iktar mis-sewwa għaliex 'il-kwerelant m'għandu l-ebda raġuni għala jidħol f'dil-kumplikazzjoni sabiex jipprova jikseb lura d-dokumenti tiegħu. Il-Qorti setgħet tinnota wkoll li l-imputata ma kienet xejn konvinċenti fin-narrattiva tagħha'. Id-difiża hija tal-fehma illi iva din il-kumplikazzjoni nfetħet b'mod vessatorju sabiex huwa jkompli jurieha li għandu kontroll fuq ħajjitha u sabiex jevita milli jġedded id-dokumenti personali tiegħu mal-awtoritajiet kompetenti liema dokumenti l-esponenti tisħaq b'mod inekwivoku li mhumhiex fil-pussess tagħha.

iv) Il-piena inflitta ma kinitx waħda ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Li kieku dawn id-dokumenti kienu fil-pussess tal-kwerelata allura kienu jingħataw lura qabel ma tibda l-kawża.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika**

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża :

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

---

**ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

14. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

15. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

16. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

17. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

18. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

19. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

20. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

21. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

22. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

23. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali

setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. II- IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

24. Illi nhar id-9 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tal-10.15 Naveed Muhammad irrikorra ġewwa l-Għassa tal-Qawra sabiex jirraporta kif is-sieħba tiegħu, ċerta Bernardette Vella, nhar it-30 ta' Mejju 2020 kienet telqet mir-residenza fejn huma kienu jgħixu flimkien ġewww Triq Ir-Ramel, San Pawl il-Baħar u magħha kienet ħadet ukoll il-wallet tiegħu kontenenti xi flus u dokumenti personali fosthom karta ta' residenza Taljana, karta tal-identita' Pakistana, tessera sanitaria Taljana, credit cards u il-codice fiscale Taljan tiegħu. Huwa qal li kien għamel diversi tentativi sabiex hija tirritornalu dawn id-dokumenti iżda meta ra li dan baqa' ma seħħx kien iddeċieda li jagħmel rapport mal-Pulizija. Naveed Muhammad irraporta wkoll kif Vella kienet qiegħda tistenna tarbija u li hu kien missier it-tarbija.

25. Illi nhar l-10 ta' Settembru 2020, l-istess Naveed ġie msejjaħ sabiex jirrikorri ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara sabiex jiġi vverifikat jekk dak il-wallet li kien hemm l-Għassa, kontenenti xi dokumenti, kienx tiegħu. Huwa rrikorra l-Għassa hekk kif mitlub mill-Pulizija u wara li ġie kkonfermat li l-wallet kien tiegħu, dan ingħata lilu. Naveed stqarr mal-Pulizija li għad li ġewwa din il-kartiera kien hemm il-Visa card, il-Mastercard u t-Tessera Sanitarja Taljana, kien hemm dokumenti oħra neqsin fosthom il-karta tar-residenza Taljana, żewġ Travel Cards, il-karta tal-identita' Pakistana.

26. Illi nhar it-22 ta' Jannar 2021, Naveed Muhammad permezz ta' kwerela ffirmata mill-avukat tiegħu, talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-każ tiegħu u sabiex jieħu passi kriminali kontra Bernardette Vella u dan anki għaliex huwa kien għadu mingħajr dokumenti uffiċjali bħalma hi l-karta tar-residenza Taljana u l-karta tal-identita' Pakistana liema dokumenti ma kinux fil-kartiera li kienet ġiet irritornata.

27. Il-Pulizija bgħatu għal Bernardette Vella fejn din ġiet mitkelma nhar l-4 ta' Frar 2021 u filwaqt li ngħatat id-drittijiet tagħha, hija rrifjutat li tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha iżda ma rrispondiet għall-ebda domanda li saritilha b'rabta mal-investigazzjoni ta' dan il-każ. Sussegwentement nhar il-15 ta' Ġunju 2021 inbdew il-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Bernardette VELLA.

**Ikkunsidrat**

28. Illi f'dan il-każ, il-Qorti riedet tifli sewwasew il-verżjonijiet tax-xiehda tal-partijiet sabiex tkun tista' tqis jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li biha sabet ħtija għar-reat ta' ragion fattasi f'dan il-każ fl-appellanta kienetx legalment u raġonevolment korretta. Kien meħtieġ lil Qorti tistħarreġ sewwasew il-fatti li taw lok għall-att spoljattiv. Dan l-eżerċizzju kien jeħtieġ analiżi bir-reqqa tad-dettalji tax-xiehda tax-xhieda li hija kontradittorja għall-aħħar fejn il-parte civile jgħid li d-dokumenti ħadithomlu l-appellanta. L-appellanta tgħid li hija ma ħaditlu ebda dokumenti. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset il-verżjoni mogħtija mill-parte civile bħala dik li kellha iktar mis-sewwa. Iżda lil hinn minn din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti mbagħad trid tgħaddi biex tiddeċiedi jekk fid-dawl ta' dak li xehed il-parte civile, kienx ukoll jissussisti r-reat ta' ragion fattasi f'dan il-każ.

29. Illi mill-kumpless tax-xiehda prodotta, minkejja l-kontradizzjonijiet bejn il-verżjonijiet rispettivi l-Qorti tislet li rriżultaw is-segwenti fatti:

i) Li l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien sad-data tad-29 ta' Mejju 2020 u li kienu jgħixu flimkien fl-indirizz Lorenzo Flat 8 Triq ir-Ramel San Pawl Il-Baħar;
ii) Li fid-data tad-29 ta' Mejju 2020 l-appellanta VELLA iddeċidiet ittemm ir-relazzjoni u tmur tgħix għand ommha u ħarġet mir-residenza li kienu jgħixu flimkien;
iii) Li meta ħarġet mir-residenza VELLA kienet qiegħda tistenna tarbija u l-missier kien Naveed Muhammad;
iv) Li ftehemu bejnithom li dakinhar tat-30 ta' Mejju 2020 VELLA kellha tmur lura fir-residenza ma' ommha sabiex tiġbor ħwejjiġha u li l-kwerelant ma kellux ikun hemm meta hija tagħmel dan;
v) Li ftehemu bejnithom kif nhar il-31 ta' Mejju 2020 il-kwerelant kellu jħalli ċ-ċavetta fuq il-mejda għaliex kien sejjer jiġborha s-sid tal-appartament;
vi) Li minn dakinhar tal-31 ta' Mejju 2020 il-kwerelant ma kellux iktar aċċess għall-appartament;
vii) Il-kartiera kontenenti d-dokumenti tal-kwerelant kienet tinżamm f'dak l-indirizz fejn kienu jirrisjedu flimkien;
viii) Dawn id-dokumenti kien jafdahom għand l-appellanta stante li kienu jgħixu flimkien matul dak iż-żmien u huwa kien jafadha peress li kienu jgħixu erbgħa u għoxrin siegħa flimkien;

ix) Iżjed minn tliet xhur wara li ntemmet din ir-relazzjoni u ma baqgħux jgħixu flimkien, iġifieri nhar id-9 ta' Settembru 2020 il-kwerelant mar jirraporta lill-Pulizija kif VELLA kienet ħaditlu l-kartiera nhar it-30 ta' Mejju 2020;

x) Il-parte civile kien talabha diversi drabi sabiex troddhielu, anki permezz ta' ittri bl-avukat, iżda l-appellant baqgħet ma rritornathiex;

xi) Din l-istess kartiera nhar l-10 ta' Settembru 2020 kienet irritornata l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara b'xi dokumenti ġo fiha fosthom tessera sanitaria u credit cards li kienu jsejħu lill-kwerelant;

30. Illi l-appellanta ma tiċħadx li din il-kartiera kontenenti d-dokumenti tal-kwerelant hija taf biha tant li f'paġna 33 tax-xhieda tagħha hija tgħid li fil-perjodu li hija qattgħet tgħix mal-kwerelant fl-indirizz Lorenzo, Flat 8 Triq Ir-Ramel f'San Pawl Il-Baħar, din il-kartiera ratha darbtejn:

> Dr. Roberto Piscopo: Dawk id-dokumenti inti ġieli rajthom fil-post?
> Xhud: Ftit minnhom kienu għandhom biss pero' qiegħda naffaxxina ruħi kif hemm miktub l-ID card ta' missieru, l-ID card t'ommu. Jiena ommi żżomm l-ID card tagħha. Missieri Alla jaħfirlu mietli u speċjalment lill-familja tiegħu li joqħgodu n-naħa l-oħra tad-dinja ma nafx kif –
> Dr. Robert Piscopo: Jiena staqsejtek jekk rajthomx d-dokumenti.
> Xhud: Mhux kollha le.
> .../....
> Dr. Robert Piscopo: U f'seba' xhur relazzjoni inti dawk id-dokumenti kemm -il darba rajthom?
> **Xhud: Darbtejn? [10]**

31. Illi dan juri li l-kwerelant kien qiegħed jgħid il-verita' meta dan jinsisti li f'dik ir-residenza huwa kellu kartiera kontententi d-dokumenti personali tiegħu. U din il-Qorti lill-kwerelant qiegħda temmnu wkoll li din il-kartiera ttieħdet minn ġewwa din ir-residenza u dan fid-dawl tal-fatt li **<u>l-istess kartiera</u>** kontenenti wħud mid-dokumenti personali tiegħu, instabet nhar l-10 ta' Settembru 2020 ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara. Issa, f'dan ir-rigward irid jingħad li mill-affidavit ta' PC 897 D. Gauci ma jirriżultax kif din il-kartiera sabet ruħha l-Għassa ta' Birkirkara; biss, m'hemmx dubju allura li mid-data ta' meta din ġiet nieqsa, u ċjoe' mid-data tat-30 ta' Mejju 2020 sad-data tal-10 ta' Settembru 2020, l-istess, ma kienitx fil-pussess tal-kwerelant. F'paġna 19 il-kwerelant jixhed li l-kartiera kien ġabarha mill-Għassa ta' Birkirkara. Jgħid ukoll - fatt li jsemmi wkoll fil-kwerela li huwa għamel datata 22 ta' Jannar 2021 u li tinsab

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

f'paġna 5 tal-atti proċesswali – li l-Pulizija nformawh li dik il-kartiera kienet irritornata omm l-appellanta Pauline Vella. Biss din l-aħħar stqarrija ma ġiex korroborata bi provi oħra peress li l-affidavit ta' PC 897 D. Gauci huwa skarn minn informazzjoni ta' kif din il-kartiera waslet għand il-Pulizija.

> Witness: Madam, before Birkirkara Police I went...time, right? And when I contact my lawyer and my lawyer contact Birkirkara Police Station and her mother came there and she bring my expured not valid card.

32. Biss, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax sekwenza ta' fatti li jikkorraboraw ix-xhieda tal-kwerelant meta dan jgħid li l-Pulizija qalulu li l-kartiera kienet irritornatha omm l-appellanta. Il-kwerelant l-ewwel li għamel rapport mal-Pulizija fuq li VELLA kienet ħaditlu l-kartiera tiegħu kontenenti flus u dokumenti kien nhar id-9 ta' Settembru 2020 u din l-istess kartiera tfaċċat l-Għassa ta' Birkirkara l-għada stess, għalkemm mingħajr il-flejjes li kien hemm fiha u mingħajr dawk id-dokumenti li hemm imniżżla f'Dok NM1.

33. Il-kwerelant jinsisti li l-appellanta qaltlu li d-dokumenti kienet qiegħda żżommhom bħala insurance, ossija garanzija għat-tarbija li kien sejjer ikollhom. Dawn id-dokumenti li ma ġewx irritornati kienu l-karta tar-residenza u l-karta tal-identita' li permezz tagħhom wieħed ikun jista' ifittex xogħol u jitlaq 'il barra mill-pajjiż. F'dan ir-rigward l-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda tal-kwerelant f'paġna 14 fejn jgħid kif huwa kien qal lill-appellanta sabiex tgħaddilu d-dokumenti għaliex ried imur lura l-Italja u jsib xogħol hemmhekk. Għalhekk, dan ikun ifisser li l-appellanta kienet taf bl-intenzjonijiet tal-kwerelant:

> She has the baby and I tell her my documents I want to search for job, I want to come back my country, I want to go Italy for work I don't have documents.

34. U l-kwerelant isostni li din il-kartiera ġiet nieqsa dakinhar tat-30 ta' Mejju 2020 meta Bernardette VELLA marret tiġbor xi affarijiet mid-dar tagħhom flimkien ma' ommha u ħadet kollox minn hemm:

> Court: Yes. And where did you see them last? Where were they (recte: day)?
> ..../.....
> Witness: Last time when she go to her mother time my documents with her. I go outside from house because I was a bit disturbed.When I come back

> she tell ‘put the key on the table. Me and my mother is coming. We take my things, I go’. **When I come I found nothing.**[11]

35. U l-appellanta tikkonferma l-verżjoni ta’ fatti tal-kwerelant – għajr li ħadet il-kartiera kontenenti flus u dokumenti. F’paġna 29 et seq. tax-xhieda tagħha tgħid hekk:

> Xhud: Imbagħad jiena qbadt u mort noqgħod irrelevanti fejn u għidtlu ‘jien għada ġejja ħa niġbor l-affarijiet tiegħi flimkien ma’ ommi biss pero’ please inti tkunx hemm’...
>
> .../.....
>
> Xhud:Prattikament fit-31 May imbagħad, il-Ħadd lilu għidtlu biex iħalli ċ-ċwievet fuq il-mejda, il-kopja li kellu hu għax kien ġej l-owner Lorenzo, Mr. Brincat niex jiena ntih iċ-ċwievet u nittermina l-kuntratt u niskwerja miegħu.

36. Huwa fatt interessanti wkoll li fix-xiehda tagħha l-appellanta ma semmiet xejn relattivament għall-fatt li kienet qiegħda tistenna tarbija meta nhar id-29 ta’ Mejju 2020 hija temmet ir-relazzjoni mal-kwerelant u telqet ‘il barra mill-post fejn kienu qiegħdin jirrisjedu flimkien. L-għażla li ma ssemmix din it-tqala li dak iż-żmien kienet laħqet it-tlieta jew erba’ xhur, hija għażla li tistona – aktar u aktar meta l-kwerelant jgħid li hija stess kienet qaltlu li dawk id-dokumenti kienu insurance, ossija garanzija għat-tarbija.

37. F’paġna 28 tax-xhieda tagħha l-appellanta ma ssemmix li marret tgħix għand ommha għaliex kienet tqila iżda għaliex ma kinitx qeda tħossha ‘safe’ li tkompli tgħix iktar mal-kwerelant. Dan jikkuntrasta ma’ dak li xehed il-kwerelant meta f’paġna 15 tax-xhieda tiegħu jgħid:

> And when she got pregnant she tell me ‘’I go to my mother house’’. I say ‘’okay, you have decided to go to mother house’.

38. Ukoll, meta ppressata b’domanda tal-avukat tal-kwerelant fuq jekk kienx hemm rapporti ta’ vjolenza fil-konfront tagħha, l-appellanta kienet evażiva u insistiet li kien ‘irrelevanti’ li titkellem fuq dawn l-affarijiet. Ir-reazzjoni tal-appellanta meta mistoqsija ċertu domandi mill-avukat tal-kwerelant wara li kienet hi stess li allegat li kellha bżonn ‘protezzjoni’ mill-kwerelant, jitfgħu dawl fuq il-karattru tax-xhud u fuq l-affidabilita’ ta’ dak li qiegħda tixhed dwaru. L-istess joħroġ ukoll f’paġna 33 tax-xhieda tagħha meta għalkemm f’paġna

[11] Enfasi tal-Qorti.

30 tax-xhieda tagħha allegat kif il-kwerelant kien ħadilha xi affarijiet, qalet li dan ma segwitux b'rapport mal-Pulizija.

39. L-appellanta tinsisti wkoll li flimkien magħha u mal-kwerelant kienu jgħixu nies oħra fl-appartament, fatt li l-kwerelant ma jikkonfermax. Biss, tgħid ukoll li una volta ddeċidiet li tmur tgħix għand ommha lill-kwerelant qaltlu sabiex iħalli ċ-ċwievet tal-appartament fuq il-mejda sabiex jiġborhom Lorenzo Brincat li hija rriferiet għalih bħala s-sid u kien hekk li temmet il-kuntratt tal-kiri tal-appartament. F'paġna 29 tax-xhieda tagħha tgħid ukoll li l-kuntratt ta' kiri kienet iffirmatu hi u li s-sid lilha jagħraf bħala l-kerrejja tal-post imma tinsisti li kien jgħix ukoll ċertu Majid Hussain magħhom. Meta fuq domanda tal-Qorti pero', hija ġiet mistoqsija jekk dan tal-aħħar kienx imniżżel fuq il-kuntratt, hija wieġbet li kien imniżżel fuq karta separata li pero' ma ġabitx magħha l-Qorti dakinhar. Għal darba oħra hawnhekk tinnota t-tendenza f'din ix-xhud li ssemmi fatt u ma tikkorraborahx bi prova konkreta, liema prova kienet tkun ċentrali għall-każ tagħha stante li allura apparti l-appellanta u l-kwerelant din il-Qorti kienet tkun tista' tikkunsidra anki l-ipoteżi li l-kartiera kontenenti flus u dokumenti setgħet intimisset minn ħaddieħor.

40. Biss pero' din il-Qorti m'għandhiex dan id-dubju għaliex minn kliem l-appellanta stess, meta dakinhar tat-30 ta' Mejju 2020 – u ċjoe l-aħħar darba li fi kliem il-kwerelant kien ra l-kartiera tiegħu f'din ir-residenza - hija telqet 'il barra mill-appartament u l-kwerelant ħalla ċ-ċwievet hemmhekk, il-kuntratt tal-kiri intemm u għalhekk bilfors li f'dik id-data kulma kien hemm jgħixu hemmhekk kienu hi u l-kwerelant. Hija tgħid ukoll f'paġna 35 tax-xhieda tagħha li wara li ħalla ċ-ċavetta tal-post il-kwerelant ma kellux iktar aċċess għalih u dan nhar il-31 ta' Mejju 2020.

41. Magħdud dan kollu, din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha tqis li x-xhieda tal-kwerelant għandha iktar mis-sewwa u li l-kartiera kontenenti flus u dokumenti ttieħdet mill-appellanta. Il-kwistjoni hija jekk pero, fid-dawl ta' dak mistqarr fl-ewwel aggravju, jekk dawn il-provi jwaslux għal konklużjoni legalment u raġonevolment korretta li l-azzjoni tal-appellanta kienetx tikkonfigura fir-reat ipotizzat ta' ragion fattasi.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellanta ħatja tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tagħha.**

42. Illi r-reat ta’ ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u jaqra kif ġej:

> Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita’ tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta’ ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi talilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b’xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...’

43. Is-sors legali li fuqu dan ir-reat huwa msejjes huwa l-Artikolu 168 tal-Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie. Dan l-Artikolu fil-fatt kien jippreskrivi r-reat bħala vie di fatto u jsegwi:[12]

> Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l’esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un’obbligazione qualunque, o disturbi un’altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e’ punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

44. Huwa ċar li l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie. Dan ifisser li għall-fini tal-interpretazzjoni ta’ dan ir-reat, din il-Qorti tista’ tagħmel riferenza għal ġurisprudenza mhux biss Maltija iżda anke dik li tolqot dan l-artikolu fid-defunt Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet u Kodiċi esteri oħra li kienu konsoni ma’ dan it-test tal-Liġi Borbonika.

45. Illi fil-kawża **Il-Pulizija versus Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta’ “ragion fattasi” jew dak li jissejjah “the exercise of a pretended right”. Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija speci ta’ zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien

---

[12] 1 Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : De’ reati contra l’amministr. pubblica, Sezione III, Dell’uso privato de’ mezzi della pubblica’ autorita’.

osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- “It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages.....” (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law” (Parti Speċjali) Vol. II).

46. Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta’ dan l-Artikolu kemm b’mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, kif ukoll interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa’ tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi Penali tar-Renju tal-Italja (jew il-Kodiċi Zanardelli). Dan jirriżulta li seħħ minħabba li għalkemm f’dawn il-Liġijiet ma hemmx l-identiċita tal-lokuzzjoni tar-reat, baqgħet somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

47. It-test tal-Kodiċi Zanardelli relattiv għar-reat ta’ ragion fattasi jaqra:-

286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l’altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito:
1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;
2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;
3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.

Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.

Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.

287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

48. Dan ir-reat isib postu taħt il-Capo 3 li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-awtorita’ pubblika. Il-Carrara jfisser dan ir-reat b’dan il-mod:

La ragion fattasi (1) e’ il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di

questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.[13]

49. Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat, li skont l-istess Carrara huma:

> 1. o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o Mancanza di titolo piu' grave.[14]

50. Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Zanardelli mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali in primis jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz tal-vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Zanardelli kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li, fil-kuntest legali Malti, ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi bħal dik mogħtija mill-Imħallef William Harding fil-każ **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu:

> a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;
> c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

51. Għalkemm din l-esposizzjoni tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi tirrispekja dak mistqarr mill-Carrara fuq il-Kodiċi Penali Taljan kif muri aktar il-fuq, il-Qrati Maltin abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq ir-reat ta' ragion fattasi li kien misjub taħt il-Kodiċi Borboniku. Il-Qrati Maltin komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi fil-każijiet speċifiċi għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi meqjus integrat.

---

[13] Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.
[14] bid. Paġna 487, paragrafu 2850

52. Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd - ikun xi jkun dak il-pussess jew jedd – dment li jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew jedd jew xi forma tiegħu. F'Malta, anke detenzjoni minn konjuġi ta' dar fuq mera tolleranza u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi, ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi u dan peress li kien hemm l-istatus quo li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.[15]

53. Is-suġġett attiv ġie li **si e' fatto arbitariamente ragione** u mhux sempliċiment **si e' fatto ragione da se'**. Skont is-sentenza tal-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 Mioli ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jikkastiga **chi si fa ragione da se' ma chi si fa <u>arbitrariamente</u> ragione[16]** b'mod li jitturba l-istatus quo prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

54. Skont il-Carmignani, li jikkummenta fuq il-Liġi fit-Toskana qabel l-unifikazzjoni tal-Italja, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda jrid ikun hemm pussess **<u>"attwali" u</u>** li tkun l-azzjoni tat-terz li twassal għat-**<u>turbattiva ta' dak l-istatus quo</u>**:

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[17]

55. Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-istatus quo fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt. Skont **l-Arabia**[18] l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-

---

[15] Ara, **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li : Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

[16] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lillkerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha

[17] 6 Enfazi mizjuda – Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

[18] I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie, Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

turbativa tal-pussess per se iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat:

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' mezzi dell'autorita' pubblica. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.

56. L-Arabia kien qiegħed jikkonċentra fuq il-Liġi Borbonika tal-**vie di fatto** - identika għal dik Maltija in materia - u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' ragion fattasi fil-Kodiċi Zanardelli.

57. Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza fuq il-Kodiċi Penali Taljan, li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Il-kurrent tradizzjonali jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq il-vjolazzjoni tal-monopolju ġurisdizzjonali magħmula bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv billi dan, **minflok - kif obbligat jagħmel - jirrikorri għall-ġurisdizzjoni tal-awtorita tal-Qrati, jagħżel li jaġixxi minn jeddu biex jieħu dak id-dritt li jippretendi li għandu mingħajr ma jadixxi lill-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti.** Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa **l-istatus quo** tal-pussess tad-drittijiet; l-istatus quo intiż bħala l-istat ta' fatt fejn persuna tkun qed teżerċita dritt fuq oġġett anke jekk tkun titolari **apparentia iuris**, u fejn allura l-azzjoni turbattiva tas-suġġett attiv tiddisturba dan l-istatus quo ta' pussess anke bażat fuq **apparentia iuris**.

58. Inoltre, skont il-Carrara "**qui continuat non attentat**"[19] u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata:

> L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo stato quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

[19] Ara Programma, Vol. 5, pagna 488

59. Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li:

> Si e’ conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo’ essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo’ verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu’ recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina’, CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere si ricava come gli elementi sopra indicati descrivano innanzitutto come presupposto del reato l’esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita’ del diritto.[20]

60. Anke taħt il-Kodiċi Borboniku kien importanti li tkun ravviżata din il-kontroversja jew kontenzjożita ta’ drittijiet. Skont l-Arabia, din tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti:

> Ma che s’intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e’ chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l’altro aveva dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta’ di passare del suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull’esercizio di questa facolta’, e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell’art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio’ si spetta all’autorita’ pubblica gia’ invocata. Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta’ di Caio, questi incorre nell’art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo’ essere ingiusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo’ essere astretto che con la sole azione civile, perche’ quando pose il dette cancello, non dove’ distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e’ presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta’ dell’ altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all’autorita’. Gli elementi dunque del reato dell’art. 168 sono a) uno de’ datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe’ costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio’ sia fatto per l’esercizio di un dritto messo in controversia e cosi’ che sia richiesta l’opera dell’autorita’ pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

61. Illi din il-ġurisprudenza hija riflessa fil-ġurisprudenza Maltija, li kif intwera, tqis l-elementi tar-ragion fattasi bħala li huma s-segwenti:

---

[20] Codice Penale, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi “soggetto attivo”.

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta’ dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b’idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f’reat aktar gravi; Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta’ pussess li dak li jkun gja kellu.[21]

62. Mistqarra dawn il-prinċipji, bħala Qorti ta’ reviżjoni din il-Qorti kwindi jeħtieġilha tindaga jekk l-elementi li jridu jirrikorru sabiex jiġi kostitwit ir-reat ta’ ragion fattasi ai termini tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali ġewx sodisfaċentement ippruvati mill-kwadru probatorju illi għandha quddiemha. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel element, il-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna tabbraċċja d-definizzjoni ta’ ‘tgawdija’ fis-sens wiesgħa ta’ ‘pussess sempliċi’. Il-Carmignani saħansitra jmur pass oltre għax jiddefinixxi dan il-‘pussess’ bħala wieħed attwali hekk kif il-kwerelant neċessarjament irid jipprova li fil-mument li seħħ l-att spoljattiv huwa kien qiegħed jagħmel użu mill-ħaġa spoljata. Hekk per eżempju nsibu fil-kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta’ Ottubru 2001:

L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, **dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

63. B’hekk il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-propjeta ma jipprekludihiex milli tkun passibbli għar-reat ta’ ragion fattasi fil-każijiet kongruwi. Ir-reat jista’ jissusisti wkoll f’każ li l-persuna affetta mill-azzjoni tas-suġġett attiv setgħa kellha biss is-sempliċi pussess jew detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni jew saħansitra meta sempliċiment ikollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-propjeta’ in kwistjoni

[21] Ara **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta’ Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta’ Mejju 2004**, Il-Pulizija vs. Michael Lungaro**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata l-15 ta’ Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata d-19 ta’ Ġunju 2002.

u, minħabba l-azzjoni tas-suġġett attiv, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija tal-istess oġġett.

64. Ukoll fl-appell **Il-Pulizija vs. John Vassallo,**[22] il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi:

> Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

65. Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, deċiża nhar il-15 ta' Novembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret is-segwenti fuq dan l-element ta' pussess:

> Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi" (ara appell kriminali Il-Pulizija vs George Zahra, 16 ta' Lulju 1958 - Vol. XLII.iv. 1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.

66. L-istess ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi** deċiża nhar il-11 ta' Frar 2013:

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. **L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux neċessarjament ukoll ilpropjeta' tagħha. Il-kelma pussess,ghalhekk, tinkludi l-użu jew tgawdija ta' dik il-haga**.' (Il-Pulizija vs Joseph Bongailas 22 t'Ottubru, 2001).

67. Determinanti allura hija d-deposizzjoni mogħtija mill-kwerelant dwar kif l-appellanta kienet spiċċat li ħadet dawk id-dokumenti tiegħu mill-fond fejn kienu jirrisjedu flimkien. U x-xiehda tal-kwerelant turi li dakinhar tat-30 ta' Mejju 2020 l-appellanta ma għamlitx eżerċizzju sempliċi li qabdet u ħadet dawk id-dokumenti mingħajr il-kunsens espress jew impliċitu tal-kwerelant. Minn kliem l-istess kwerelant, dawk id-dokumenti kien hu stess jafdahom f'idejha u kien iħallihom fil-pussess tagħha bil-kuntentizza tiegħu. Huwa jistqarr li l-appellanta kienet mogħtija l-konsenja speċifika ta' dawn id-

[22] Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22 ta' Marzu 1991

dokumenti u mhux biss il-ġeneralita tal-oġġetti kollha li kien hemm fuq il-post. Dan jirriżulta ċar minn dak li xehed kemm a fol 15:

> **My documents with her because we were living together that time and have everything with her because I trust her, we are twenty-four hour together.** [23] And when she got pregnant she tell me ''I go to my mother house''. I say 'okay', you have decided to go to mother house.'' The next day I receive the ...get your job, documents as the insurance for the baby. I say ''okay if you put my document for the insurance because you are pregnant from me and now you are pregnant.

68. Ukoll, f'paġna 17 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> Court: No, no letters. You, verbally, with words did you ask her 'give me the wallet?'' Did you ask her?
> Witness: Of course.
> Court: And what did she say?
> Witness: **She say: ''this is insurance for the baby''**.[24]
> Court: The insurance for the baby. Okay.

69. Illi imbagħad f'paġna 21 u 22, il-kwerelant jerġa jisħaq fuq il-fatt li l-appellanta kienet qegħda żżomm id-dokumenti tiegħu. Igħid hekk:

> Defence: Did you for a fact see her taking these documents?
> Witness: She has my documents.
> Defence: Okay but did you see her?
> Witness: Yes, of course.
> Defence: So you saw her taking the documents like this.
> Witness: **No, because my wallet in her purse because twenty-four hour we are together in one bedroom, in one room. Everytime we go out and come inside together**. [25]

70. Mix-xhieda tal-kwerelant jirriżulta li huwa rrikorra diversi drabi għall-assistenza legali inkluż b'ittri bl-avukat, iżda l-appellanta baqgħet inadempjenti. L-appellant kien qiegħed jipprova jasal għal ftehim tramite l-avukati u l-pulizija iżda ma jidhirx li l-appellanta kienet qiegħda tikkopera. Il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tarbija tagħhom jidher li la ssolevew bi ftehim bejn il-partijiet – hekk kif skont il-kwerelant huwa lit-tarbija ma kienx jaraha – u lanqas ma ġew regolati b'mezzi legali:

---
[23] Enfasi ta' din il-Qorti.
[24] Enfasi ta' din il-Qorti.
[25] Enfasi ta' din il-Qorti.

> Witness: And Madam, if I'm wrong, I tell her to come in front lawyers, come in front of Police, you'll sit on the table **we start issue.**[26] We have two (recte: to) issue: baby and the documents. If you want any kind of solution come in front of my lawyer. I tell him **we start everything**.[27] You have a right to live your life and I want my life. We have no issue more.

71. Illi fl-atti l-kwerelant għamel lista ta' dokumenti li kienu skontu, kienu jinsabu fil-kartiera li jgħid li ħadet l-appellanta. Fil-kwerela tiegħu eżebita a fol 10 u 11, jirriżulta wkoll li fil-kartiera kien hemm ukoll il-karta tal-identita Taljana tiegħu kif ukoll ammont ta' tminn mitt euro (€800). Fix-xiehda tiegħu il-kwerelant ma jsemmix espliċitament li kellu wkoll dawn il-flus, in kwantu jirriżulta li l-preokkupazzjoni prinċipali tiegħu kienet iddur dwar il-konsenja ta' dawk id-dokumenti li huwa qiegħed jitlob ir-ritorn lura tagħhom.

72. Id-diffikulta li din il-Qorti qegħda tirriskontra f'dan il-każ iddur dwar il-fatt li l-appell tal-appellanta huwa bażat fuq l-argument li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li f'dan il-każ ġie kommess ir-reat ta' ragion fattasi. Biex dan ir-reat ikun jista' jiġi kunsidrat li ġie mwettaq il-Prosekuzzjoni riedet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u in bażi għall-provi prodotti, l-elementi kollha tar-reat ta' ragion fattasi **<u>u mhux ta' xi reat ieħor li ma ġietx mixli bih l-appellanta, jew ta' xi reat iżjed gravi mir-reat ta' ragion fattasi</u>**.

73. Biex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti teħtieġ li tagħmel apprezzament dettaljat tal-elementi tar-reat in kwistjoni fid-dawl ta' kif ikunu jirriżultaw li ġraw il-fatti fil-każ partikolari. F'dan il-każ jirriżulta li:

(a) L-appellanta ġiet fil-pussess tal-wallet tal-kwerelant, bid-dokumenti li kien jikkontjeni, jekk mhux ukoll il-flus li kien fih, minħabba li kien l-istess kwerelant li kien fada' dan il-wallet bid-dokumenti tiegħu għandha u kkonsenjalha l-pussess ta' dan il-wallet bid-dokumenti u b'dak kollu li kien jikkontjeni. Ma hemmx dubju għalhekk li l-kwerelant ikkonsenja lill-appellanta effetti mobbli u li dan sar bil-kunsens tiegħu.

(b) Il-fatt li l-kwerelant ikkonsenja dan il-wallet bid-dokumenti kollha li kien fih lill-appellanta għax kien jafdaha joħroġ ċar mix-xiehda tiegħu a fol 15 : "My documents with her because we were living together that time and have everything with her because I trust her, we are

---

[26] Enfasi ta' din il-Qorti.
[27] Enfasi ta' din il-Qorti.

twenty-four hour together"; kif ukoll dik a fol 21 u 22 : "No, because my wallet in her purse because twenty-four hour we are together in one bedroom, in one room. Everytime we go out and come inside together". Il-kwerelant jirriżulta li għażel li jispossessa ruħu mill-wallet u l-kontenut tiegħu minn jeddu biss biex iżżommhomlu l-appellanta. Huwa ma għaddielhiex dak il-wallet għal ħin qasir biss u din ħarbet bih b'kollox. Il-konsenja tal-wallet lill-appellanta kienet waħda bażata fuq il-fiduċja li huwa kellu fiha grazzi għar-relazzjoni li kien hemm fis-seħħ bejniethom. Il-konsenja ta' dak il-wallet u l-kontenut tiegħu għalhekk ma kienetx biss waħda materjali iżda kienet kwalifikabbli bħala konsenja bażata fuq il-fiduċja. Anzi l-kwerelant jirriżulta li kien kuntent li żżommlu l-wallet hi fil-basket tagħha fiż-żmien meta huma kienu għadhom flimkien.

(c) Filwaqt li l-kwerelant trasferixxa l-pussess materjali ta' dak il-wallet u tal-kontenut tiegħu lill-appellanta fuq bażi ta' fiduċja, fl-istess ħin ma kienx trasferiment li trasferixxa wkoll id-dominju tal-kwerelant fuq l-istess mobbli a favur tal-appellanta. Il-kwerelant ried jiddepożita mal-appellanta minn jeddu dan il-wallet u l-kontenut tiegħu biex iżżommulu hi, almenu sakemm kienu jgħixu flimkien. Ma jirriżultax li b'xi mod, huwa kien kostrett li jtiha dan il-wallet biex iżżomulu. Il-kwerelant ried lill-appellanta li żżommlu dan il-wallet bil-kontenut flimkien mal-oġġetti tagħha. L-appellanta minn naħa tagħha kienet allura rċeviet dan il-wallet bid-dokumenti kontenuti fih mingħand sidhom biex tagħmel użu determinat bih, iġifieri dak li żżommhomlu mal-affarijiet tagħha. Ma jirriżultax li hija kienet ingħatat xi struzzjonijiet oħra mingħand il-kwerelant għajr ħlief dawk li żżommhomlu, sakemm kienu qegħdin jgħixu flimkien.

(d) L-appellanta fl-ebda mument ma ingħatat xi jedd li tagħmel użu differenti minn dak il-wallet u l-kontenut tiegħu għajr ħlief dak li l-kwerelant kien għaddihomlha għalih, u ċjoe li żżommhomlu sakemm kienu fir-relazzjoni u jgħixu ma xulxin. L-appellanta ma setgħetx tagħmel użu differenti jew użu ieħor minn dak il-wallet u l-kontenut tiegħu għajr ħlief dak li kien miftiehem bejnha u bejn il-kwerelant – iġifieri dak li żżommhomlu għaliex kien jafdaha, u żżommhomlu mal-affarijiet tagħha fil-kuntest tar-relazzjoni personali li kellhom bejniethom. L-appellanta ma setgħetx tmur oltre dak il-pussess u dak l-użu li għalih hija kienet ġiet fdata mill-kwerelant.

(e) F'dan il-każ ma rriżultax li l-kwerelant – oġġettivament u bil-provi – kien xi forma ta' debitur tal-appellanta u din, biex tagħmel tajjeb għall-kreditu spettanti lilha, għażlet li - mingħajr il-kunsens tal-

kwerelant u mingħajr ma kellha l-pussess preċedenti konsenzjenti tiegħu tal-wallet u l-kontenut tiegħu – tieħu dak il-wallet u l-kontenut tiegħu bħala garanzija għall-kreditu li kellha favur tagħha.[28] Kif jgħid il-Carrara:[29]

> La ragion fattasi si esemplifica nel fatto di chi apprende di privata autorita' un possess goduto da altri – nel creditore **che prende** un oggetto del debitore per farsene un pegno, o pagarsi del credito...[30]

(f) L-eżempju li jagħti l-Carrara hawnhekk huwa dak tal-kreditur li, minn jeddu, u mingħajr il-kunsens tad-debitur tiegħu, "prende un oggetto" – jaqbad u jieħu oġġett tad-debitur tiegħu – u mhux ukoll il-każ fejn id-debitur ikun **hu stess** ikkonsenja oġġett lill-kreditur tiegħu u dan jabqad u jagħżel li b'xi mod jagħmel xi att ta' dominju fuqu.

(g) Il-kwerelant jgħid, jew aħjar, jagħti x'tifhem li l-appellanta **għażlet li żżomm** il-pussess tal-wallet bid-dokumenti li kien fih bħala garanzija għat-tarbija – "insurance for the baby". Qabel xejn meta seħħet ir-rottura bejniethom, l-appellanta kienet għada fil-bidu tat-tqala tagħha. Ma kienx hemm trabi mitwielda komuni bejniethom. L-anqas ma jirriżulta li kien hemm xi krediti oħra bejniethom dovuti lill-appellanta mill-kwerelant. Ma jirriżultax mill-provi li l-kwerelant, b'xi mod, kien aċċetta li hija żżomlu dak il-wallet bid-dokumenti bħala xi forma ta' rahan għal xi kreditu preżenti jew futuri tiegħu. Wara kollox anke fil-każ tar-rahan, id-debitur jibqa' sid tal-oġġett mirhun[31] u r-rimedju li jkollu l-kreditur huwa s-setgħa li jitlob il-bejgħ tar-rahan fl-irkant taħt l-awtorita tal-Qorti[32] u mhux ir-ritenzjoni ad oltranza tal-oġġett mirhun jew il-konverżjoni tiegħu għaf-favur tal-kredituri. F'dan il-każ ma kienx hemm prova li turi li l-kwerelant ried jirhan id-dokumenti tiegħu versu l-appellanta; jew saħansitra li bejnu u l-appellanta kien hemm xi kreditu kontra tiegħu.

74. Iżda għal fini ta' kompletezza, jingħad li fuq dan il-punt legali dwar ir-rahan u l-possibilita li l-kreditur jikkommetti r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat ieħor meta jabbuża mid-dritt tiegħu, id-dottrina Taljana hija diviża dwar il-każ fejn kreditur li jkun ħa oġġett b'rahan mingħand id-debitur tiegħu jikkommettix ir-reat ta' truffa jew ragion fattasi fil-każ fejn il-kreditur ibiegħ lil terzi l-oġġett mogħti lilu b'rahan mingħand id-debitur. Il-Carrara, kif intqal qabel, jikkonsidra l-azzjoni

[28] Ara f'dan is-sens **The Police vs. Siddy Sangari**, Qorti tal-Appell Kriminali deċiż fis-16 ta' Lulju 2010.
[29] Programma del Corso di Diritto Criminale, Parte Speciale, Vol V, paġna 487.
[30] Enfażi miżjuda mill-Qorti.
[31] Artikolu 1974 tal-Kodiċi Ċivili.
[32] Artikolu 1970 tal-Kodiċi Ċivili.

tal-kreditur li jaqbad u jieħu oġġett tad-debitur tiegħu bħala rahan jew biex jitħallas il-kreditu tiegħu bħala formanti ragion fattasi. Iżda mil-banda l-oħra, l-istess awtur,[33] jargumenta li fil-każ fejn il-kreditur **jabbuża** mill-oġġett mogħti lilu b'rahan mid-debitur, il-kreditur jirrispondi għar-reat ta' approprjazzjoni indebita[34] peress li d-dritt li l-kreditur għandu fuq ir-rahan huwa wieħed possessorju u mhux dritt ta' proprjeta. B'hekk, per eżempju, jekk il-kreditur ibiegħ ir-rahan huwa jkun qiegħed jikkonverti l-użu li għalih ir-rahan ikun ġie mogħti lilu biex b'hekk il-kreditur jiġi li jkun użurpa d-dritt ta' dominju li d-debitur għandu fuq l-oġġett mirhun biex b'hekk il-kreditur ikun irid jirrispondi għad-debitur tiegħu bir-reat ta' approprjazzjoni indebita.

75. Skont il-Carrara, huwa il-Puccioni li jdaħħal ir-reat ta' ragion fattasi f'dan il-kuntest. Skont l-argument tal-Puccioni, fil-każ fejn il-kreditur ibiegħ ir-rahan u jdaħħal ammont ta' flus li jkun ogħla mill-ammont ta' kreditu dovut lilu, il-kreditur ikun passibbli għar-reat t'approprjazzjoni indebita fir-rigward tal-eċċess, iġifieri tad-differenza bejn l-ammont tad-dejn u l-ammont li huwa jkun irċieva iżjed mill-prezz tal-bejgħ tar-rahan u li l-kreditur ikun żamm għalih. Iżda skont il-Carrara, l-argument l-ieħor tal-Puccioni huwa li jekk il-kreditur ibiegħ ir-rahan lil terzi għall-valur eżatt tal-ammont tad-dejn, il-kreditur ma jkunx passibbli għar-reat t'approprjazzjoni indebita versu d-debitur, iżda jkun passibbli għar-reat ta' ragion fattasi.

76. Kwistjoni simili għal din ġiet ukoll dibattuta fil-każ li l-persuna li tkun irċeviet l-oġġett mobbli mingħand persuna li mbagħad din tagħżel li tirhanu. Il-kwistjoni legali hija jekk bl-azzjoni li tirhan oġġetti riċevuti jintegrax xi reat kriminali.[35] Carrara jitratta ġurisprudenza kontinentali, in specie dik Awstrijaka ta' żmienu fejn din il-kwistjoni kienet ġiet dibattuta, inkluż f'sentenzi tal-Qorti Suprema ta' Vienna fejn ġie mistħarreġ x'kienet l-intenzjoni tal-persuna li tkun qed tirhan oġġetti riċevuti mingħand persuna oħra. Il-Carrara jgħid hekk:

> Secondo questi eruditi lo impegnare la cosa altrui non sempre equivale alla appropriazione perche' puo' essersi fatta senza l'animo di appropriasela e con la intenzione di riscattarla e restituirla al proprietario. Bisogna dunque distinguere con qual animo la impegnatura fu fatta, cioe' se non si ha la appropriazione e per conseguenza non vi e' truffa. Essa vi e' soltanto nel secondo caso. Questa opinione fu confutata dal Dott. Knepler in una

[33] Programma del Corso di Diritto Criminale, Parte Speciale, Vol IV, paġna 438.
[34] Li skont il-Liġi taljana ta' dak iż-żmien kienet meqjusa "truffa" a differenza tar-reat ta' "frode" li kien ir-reat ta' escroquerie. B'hekk dak li għal-Liġi Maltija huwa meqjus bħala "truffa" jekwivali għal dak li Carrara jqis bħala "frode" mentri dak li fil-Liġi Maltija hija meqjusa bħala "approprjazzjoni indebita" jekwivali għal dak li Carrara jirreferi għaliha bħala "truffa".
[35] Ibid. Carrara, Programma, fol 443.

dissertazione inserita nell'Eco dei Tribunali (1857, n. 774) e da altri. Io ne dubiterei in faccia alla scienza ( prescindendo sempre da cio' che dipende dal linguaggio speciale dei codici positivi ) per due ragioni. La prima e' fondamentale, ed e' che al *gius di diminio* essendo inerente il diritto di usare della cosa, chi ne usa indebitamente esercita un atto di proprieta'; e cosi chi la impegna non puo' non avere l'animo di usarne come proprietario. Tutta la differenza sta in questo: se siasi voluto usarne come proprietario definittivamente per tutti i diritti inerenti alla proprieta', oppura siasi voluto esercitare su quella uno solo dei diritti interenti alla proprieta'; ma un atto di appropriazione vi e' sempre. La seconda ragione e' pratica, ed e' che se si mena buona a chi impegno' la cosa altrui la scusa di aver l'animo di riscattarla e renderla non vi sara' piu' caso di punizione.... Il secondo pronunciato si combatte pure da Rulf nelle citate dissertazioni. Esso sottilmente osservo' che chi impegnava la cosa altrui non si appropriava indebitamente il danaro perche il danaro dato a lui era suo. L'approriazione indebita cadeva sulla cosa che veramente era altrui, e percio' il reato doveva misurarsi sullo effettivo valore della cosa. Il codice penale Toscano, all'art. 396 cumulando la parola *distraendola* con le parole *consumandola*, od altrimenti convertendola in profitto di se' o di un terzo, mostro' chiaro che intendeva al appropriazione nel senso piu' lato, cioe' nell'esercizio, anche di un solo dei varii diritti inerenti al dominio; e i nostri tribunali insegnarono (Annali Toscani XVII, 1, 74) lo impegnare o il vendere la cosa, non essere cio' che impropria il furto, ma lo averla o no ricevuta in consegna.

77. F'dan il-każ din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment temmen il-verżjoni mogħtija mill-kwerelant, iġifieri li huwa kkonsenja fuq bażi ta' fiduċja l-pussess tal-wallet tiegħu b'dak li kien jikkontenji lill-appellanta biex, bħala s-sieħba tiegħu waqt li kienu f'relazzjoni personali intima u jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf, iżżommhomlu mal-affarijiet tagħha. Tqis ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li wara li kienet ħadet il-konsenja ta' dawn il-mobbli mingħand il-kwerelant, l-appellanta għażlet li mhux biss tħassar ir-relazzjoni mal-kwerelant iżda wkoll li minflok irritornat lura lill-kwerelant il-wallet bid-dokumenti eċċetra tiegħu li kien fih, hija għażlet li tibqa' żżomm dak il-wallet b'dak kollu li kien fih. Tqis ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment temmen illi l-motiv wara ż-żamma ta' dawn id-dokumenti kienet dik li l-appellanta jkollha "garanzija" f'idejha – "insurance for the baby" kontra l-kwerelant li kien barrani u ġej minn pajjiż terz.

78. Iżda x'kienet din l-"insurance for the baby" ma ħariġx ċar mill-atti u hija kwistjoni diffiċli li tifhimha fid-dawl tan-nuqqas ta' spjegazzjoni tagħha mill-atti skarni tal-każ. Tista' tfisser ħafna affarijiet differenti. Jekk verament kien hemm il-flus kontanti kif tindika l-kwerela tal-kwerelant, allura wieħed jista' jifhem li l-

"insurance" kienet fis-sens li hemm xi ħaġa tal-flus li setgħet tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-tarbija meta din, eventwalment, titwieled. F'dak il-każ, il-flus faċli żżommhom u ddwarrahom għall-benefiċċju tagħha jew ta' ħaddieħor. Iżda din il-frażi setgħet kienet ukoll b'riferenza għad-dokumenti li l-kwerelant kellu fl-istess wallet. Mingħajrhom l-appellanta kienet taf li huwa kien sejjer jispiċċa fi problemi kbar in kwantu kien stranġier, persuna ġejja minn barra l-Unjoni Ewropea. Iżda x'kien il-motiv tal-appellanta bil-fatt li żammet f'idejha dawk id-dokumenti mhux ċar. Riedet iżżommhom biex ikun bla dokument uffiċjali u jiġi deportat barra minn Malta kif jallega l-kwerelant f'paġna 14? Jew riedet li żżomm dawk id-dokumenti – fosthom dokumenti tal-ivjaġġar tal-kwerelant - biex tassigura li l-kwerelant ma jkunx jista' jiċċaqlaq minn Malta legalment u b'hekk tipprekludilu l-possibilita li jitlaq barra minn Malta, possibilment bit-tarbija b'kollox meta din titwieled?

79. Kif intqal għal dawn il-mistoqsijiet ma hemmx tweġiba ċara għalhom li toħroġ mill-atti. Dak li pero joħroġ ċar mill-atti huwa li l-appellanta rċeviet il-wallet bid-dokumenti tal-kwerelant fih mingħand il-kwerelant stess, bil-kunsens u l-kuntentizza tiegħu grazzi għall-fiduċja li huwa kellu fiha. Għalkemm l-appellanta ma tammettix li kienet iżżommhomlu hi, ma tinnegax li wħud minn dawk id-dokumenti verament kienu jinsabu fl-appartament li kienu jirrisjedu fih flimkien. Il-kwerelant jinsisti li l-appellanta kienet imqegħda fil-pussess ta' dawk id-dokumenti minnu stess, bil-kuntentizza tiegħu matul ir-relazzjoni li kellhom bejniethom. Iżda meta l-appellanta temmet ir-relazzjoni hija naqset milli tirritorna lura lill-kwerelant dawk l-istess dokumenti li hija kienet fil-pussess tagħhom legalment, almenu sakemm hija għażlet li ttemm ir-relazzjoni mal-kwerelant.

80. Iżda, l-appellanta tinnega li hija kienet fil-pussess ta' dak il-wallet, id-dokumenti u l-kontenut tiegħu. Biss huwa verament insepjegabbli kif dawk id-dokumenti u l-wallet li kienu ilhom li għosfru mit-30 ta' Mejju 2020, oħroġ il-għaġeb, jum wara li l-kwerelant kien għamel l-ewwel kwerela verbali tiegħu mal-pulizija iżjed minn tliet xhur wara l-akkadut fid-9 ta' Settembru 2020, l-għada, ċjoe fl-10 ta' Settembru 2020 il-kwerelant ġie kuntattajt mill-Pulizija u mar l-Għassa ta' Birkirkara biex minn hemm ġabar "brown wallet together with 1 VISA card, 1 MasterCard together with 2 documents TESSERA SANITARIA (Italy)".[36] Iżda minkejja din is-sejba, il-kumplament tad-dokumenti u l-kontenut li l-kwerelant kellu fil-wallet

[36] Ara l-NPS a fol 6 et seq mnejn jirriżulta wkoll li fid-9 ta' Settembru 2020 il-Pulizija kien pruvat jagħmlu kuntatt ma l-appellanta iżda din ma weġbitx għat-telefonati li sarulha.

ma ġewx ritornati lura lilu. L-NPS jgħid li l-kwerelant issenjalalhom li fosthom kien hemm "Residence card, his 2 Travel cards, and 1 Italian Residence card together with his Pakistani Identity card."[37]

81. Din il-Qorti ma għandhiex riskontru probatorju sikur ta' dak allegat fil-kwerela miktuba f'isem il-kwerelant li tinsab a fol 10, fejn f'paġna 11 ġie allegat li meta kien l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u ġabar uħud mill-effetti personali tiegħu huwa kkonfronta lil Pulizija li kienet l-appellanta li kienet ħadet u żammet id-dokumenti kollha, u fejn il-Pulizija infurmawh li kienet omm il-kwerelanta, ossija Pauline Vella stess li kienet ħadet il-kartiera l-Għassa ta' Birkirkara. Ta' dan ma hemm ebda riskontru fl-atti u b'hekk din il-Qorti ma tistax tqis din l-asserzjoni bħala fatt pruvat. Iżda jibqa' l-fatt inkontrastabli li kienet wisq kumbinazzjoni kbira li wara iżjed minn tliet xhur uħud mid-dokumenti tiegħu li kienu fil-wallet, flimkien mal-wallet, spiċċaw ġew mogħtija lill-Pulizija __**l-għada**__ li l-kwerelant għamel l-ewwel kwerela verbali tiegħu mal-Pulizija.

82. Iżda anke dan il-fatt pruvat tar-ritorn __**selettiv**__ ta' wħud mid-dokumenti li l-kwerelant jgħid li kellu fil-wallet tiegħu huwa evidenza ċirkostanzjali importanti. Jekk **gratia argomenti** min ħa l-wallet tal-appellant ma kienetx l-appellanta, jidher li dan ma kienx daqshekk jimpurtah mill-karti tal-kreditu rappreżentanti flus tal-kwerelant in kwantu dan irritornalu l-VISA u l-MasterCard tiegħu. Iżda min ħadlu l-wallet u d-dokumenti kien jinteressah ħafna mid-__**dokumenti tal-identita**__ tal-kwerelant u mid-__**dokumenti tal-ivjaġġar**__ tal-kwerelant. Min żamm dawk id-dokumenti setgħa ried li jżomm lill-appellant milli jkun jista' jiċċaqlaq minn u lejn Malta għax mingħajr dokument validi għall-ivjaġġjar ma setgħax isiefer minn Malta.

83. Il-kwerelant jisħaq li l-appellanta kienet dik li żammet dawn id-dokumenti għandha u ma rritornathomlux biex ikollha "insurance for the baby". Hu x'inhu, jibqa' l-fatt li l-appellanta setgħet tirritjeni d-dokumenti personali tal-kwerelant għall-iskopijiet tagħha filwaqt li setgħet iżżomm jew tikkonsma l-flus li l-kartiera setgħa kienet tikkontjeni. Jekk ix-xiehda tal-kwerelant titwemmen, u l-Qorti tal-Maġistrati għamlet dan, jirriżulta li minnha toħroġ prova soda dwar liema dokumenti reklamati mill-kwerelant baqgħu mhux ritornati lilu mill-appellanta. L-appellanta ma setgħa qatt ikollha jedd fuq dawk id-dokumenti in kwantu kienu dokumenti personali tal-kwerelant u ma kienux dokumenti tagħha. Iżda hija setgħet tottjeni "benefiċċju"

[37] Ara l-NPS a fol 8.

u “profitt” anke illeċitu miż-żamma ta’ dawk id-dokumenti u dan ma kienx biss li xxekkel lill-kwerelant mil-liberta tal-moviment tiegħu – u li kif intqal iżjed il-fuq setgħet kienet waħda mill-ipoteżi wara l-istqarrija li għamlitlu fis-sens li ż-żamma ta’ dawk id-dokumenti da parti tagħha kienet “insurance for the baby” – iżda tali żamma setgħet tibbenefika wkoll finanzjarjament bħala rahan għal dak li setgħa kellha f’moħħha li versu l-kwerelant.

84. Dan joħroġ mill-verżjoni mogħtija mill-kwerelant. Fi ftit kliem b’dawk id-dokumenti f’idejha, li baqgħet iżżomm bi ksur tal-fiduċja tal-kwerelant, hija setgħet tikkontrolla ħajjet il-kwerelant u tillimita l-moviment tiegħu u tagħmel pressjoni fuqu biex tkun tista’ anke tibbenefika finanzjarjament. Fil-fatt il-kwerelant jistqarr li huwa kien lest li jasal f’arranġament magħha – anke bl-avukati. Iż-żamma ta’ dawk id-dokumenti l-iżjed importanti għalih, u li anke wara s-sejbien misterjuż tal-wallet tiegħu b’xi dokumenti oħra, baqgħu ma ġewx ritornati lilu, juri li l-intenzjoni taż-żamma ta’ dawk id-dokumenti ma kienetx waħda temporanja iżda kienet waħda permanenti, jekk xejn indefinita. F’dan il-kuntest allura jirriżultaw l-estremi ta’ persuna li kienet approprjat ruħha minn dawk id-dokumenti b’għan speċifiku, b’motiv speċifiku, u ċjoe li żżommhom għandha, u ma tikkonsenjahomx lill-kwerelant bil-motiv ikun li żżommhom bħala rahan kontrih għall-iskopijiet tagħha. Dan il-kunċett iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li f’dan il-każ, il-provi li kellha quddiemha l-Prosekuzzjoni kienu dawk li l-appellanta kkommettiet ir-reat tal-approprjazzjoni indebita, reat iżjed serju mir-reat ta’ ragion fattasi.

85. L-artikolu tal-Liġi Maltija li jitratta r-reat tal-approprjazzjoni indebita jgħid:

> 293.Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:Iżda ebda proċediment kriminali ma jista’ jinbeda għal danid-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.

86. Fil-Liġi Taljana, bħal dik Maltija ir-reat tal-approprjazzjoni indebita jseħħ meta jkun hemm l-**interversio possessionis**, iġifieri fejn is-suġġett attiv b’mod inekwivoku jibda jitratta l-oġġett mobbli mgħoddi lilu volutament mis-suġett passiv bħala daqslikieku kien tiegħu personali b’mod li allura jikkonsma, jaljena, jirritjeni jew b’xi mod ieħor jiddistakka ruħu minnu. Ir-ritenzjoni tal-oġġett mgħoddi

wkoll tikkostitwixxi mod ta’ l-eżerċizzju tad-dominju fuq l-oġġett mobbli. Mill-banda l-oħra, a differenza tal-Liġi Taljana viġenti, il-Liġi Maltija tippreskrivi wkoll bħala wieħed mill-modi li bihom jista’ jiġi integrat ir-reat tal-approprjazzjoni indebita anke l-**approprjazzjoni tal-użu** tal-oġġett mobbli konsenjat. Dan iseħħ fejn l-awtur tar-reat juża l-mobbli li jkun ġie konsenjat lilu b’mod li ma jkunx konformi mat-titolu tal-pussess li lilu jkun ġie mgħoddi dak l-oġġett mobbli minn sidu. Fil-fatt il-Liġi Maltija ssostni li l-att tal-approprjazzjoni indebita fejn persuna tirritjeni ossija żżomm oġġett mobbli, billi dik il-persuna ddawwar bi profitt għaliha jew għal ħaddieħor, ta’ oġġett mobbli li jkun ġie fdat jew ikkunsinjat lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir minnu użu speċifikat.

87. F’dan il-każ il-kwerelant kien fada’ l-wallet bid-dokumenti u l-kontenut tiegħu għand l-appellanta. Mill-provi ma jirriżultax li l-appellanta kellha xi jedd evidenti kontra l-kwerelant, jew xi kreditu kontra l-kwerelant, jew xi pretensjoni **attwali** fil-konfront tiegħu għajr ħlief li intqal li kienet fl-ewwel żmien tat-tqala (tlieta jew erba’ xhur) b’tarbija li allegatament kienet tal-kwerelant. Hija ma kellha ebda kontestazzjoni mal-kwerelant fir-rigward ta’ dak il-wallet tiegħu jew tad-dokumenti li kienu fih u l-kontenut tiegħu. Hija ġiet fil-pussess ta’ dak il-wallet b’dak li kien fih bil-kunsens espress tal-kwerelant li kien jafdaha biex iżżommhomlu – dment li kienu għadhom f’relazzjoni personali intima u jgħixu flimkien. Meta spiċċat ir-relazzjoni ta’ bejniethom hija ma rritornatx lura dak il-wallet u l-kontenut tiegħu kif kellha tagħmel lil sidu anke jekk kien għandha minn qabel bil-kunsens ta’ sidu; iżda għall-kuntrarju għażlet li tibqa’ żżommu fil-pussess tagħha għal skopijiet ulterjuri anke wara li spiċċat ir-relazzjoni ta’ bejniethom.

88. L-appellanta għażlet li tagħmel ukoll atti ta’ dominju fuq dawk l-oġġetti fis-sens spejgat iżjed il-fuq, fosthom billi żammet għandha l-wallet u d-dokumenti kollha għal żmien twil, mingħajr intenzjoni li troddhom lura kollha lil sidhom, u dan biex tilħaq il-motiv tagħha li tuża dawk id-dokumenti bħala rahan jew “insurance for the baby” kif jiddiskreviha l-kwerelant. Wara ftit iżjed minn tliet xhur mid-data ta’ meta hija kienet temmet ir-relazzjoni mal-kwerelant hija baqgħet fiż-żamma tad-dokumenti tal-identita tal-kwerelant u dawk tal-ivjaġġar tiegħu, minkejja li l-wallet VISA card, MasterCard u żewġ tesseri sanitarji Taljani tiegħu ġew imrodda lura lilu – mhux mingħandha. Dawk li baqgħu għandha jirriżultaw li kienu l-iżjed dokumenti importanti għall-kwerelant. Hija baqgħet iżżommhom u anke innegat li kienu għandha.

89. Inoltre, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiż fl-20 ta' Ġunju 2004 ġie mistqarr li r-reat ta' ragion fattasi ma jissuistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-**ritenzjoni ta' pussess** li dak li jkun diġa kellu. Dan huwa dak li l-Carrara jisħaq dwaru meta jgħid li "qui continuat non attentat". L-appellanta kellha l-pussess materjali tal-wallet u d-dokumenti fih kontenuti bil-kunsens ta' sidu bażat fuq il-fiduċja ta' sid dawk id-dokumenti u f'kuntest fejn dwar dak il-wallet u dokumenti ma kienx hemm kontroversja bejn il-partijiet qabel ma l-appellanta għażlet li ttemm ir-relazzjoni ta' bejniethom u tibqa' żżommhom fil-pussess tagħha għall-iskopijiet tagħha.

90. L-anqas jista' jingħad li hija kellha xi **apparentia iuris** fir-rigward ta' dak il-wallet jew dawk id-dokumenti jew li setgħet b'xi mod tadixxi lil xi Qorti kompetenti kontra l-kwerelant fir-rigward ta' dak il-wallet u l-kontenut tiegħu. Anzi jekk xejn hija kellha l-pussess ta' dawk l-oġġetti bil-beneplaċitu tal-kwerelant. Allura jiġi wkoll li l-istatus quo msemmi kemm mill-Carrara kif ukoll mill-Arabia relattivament għall-aspett possessorju ta' dawk id-dokumenti ma ġiex mittiefes minnha. Hija kienet diġa fil-pussess materjali ta' dawk l-oġġetti u baqgħet fil-pussess ta' dawk l-oġġetti bid-differenza li għażlet li mhux biss ma tirritornax dawk l-oġġetti talli tikkonverti l-użu tagħhom kif spjegat iżjed il-fuq b'mod li ġie integrat l-approprjazzjoni indebitu tal-użu. Żgur hu li skont ix-xiehda tal-kwerelant, din iż-żamma ta' dawk id-dokumenti u l-użu divers magħmul minnhom mill-appellanta wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' bejniethom kienet bi ksur tal-fiduċja li kienet riposta mill-kwerelant fiha u ta' dak il-ftehim li kellhom bejniethom qabel – imsejjes, kif ingħad - fuq dik il-fiduċja li ġiet tradita.

91. Għalhekk, minħabba dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li f'dan il-każ il-fatti tal-każ preżentati mill-Prosekuzzjoni kienu jippruvaw l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi. B'hekk l-aggravju tal-appellanta qiegħed ser ikollu jiġi milqugħ.

92. Benintiż pero li dan l-appell qiegħed jiġi deċiż **in poenalibus** u bl-ebda mod ma jista' jaffettwa kwalunkwe drittijiet **civiliter** li l-kwerelant jista' għandu fir-rigward tal-appellanta naxxenti mill-fatti ta' dan il-każ.

# **Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanta mhux ħatja tar-reat ta' ragion fattasi u tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza dwarha.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**